**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Novembru, 2017**

**Talba Nru: 339/2017 PM1**

**Carmelo Mifsud (ID Nru. 712557(M))**

**Vs**

1. **Frederick Muscat (ID Nru. 426484(M))**
2. **George Attard (ID Nru. 568987(M))**
3. **Mariana Attard (ID 613991(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 t'Awwissu, 2017 illi l-intimati ghandhom jigu kkundannati jhallsu l-ispejjez u drittijiet relattivi dovuti lill-attur ghas-servizz ta' kummissjonant rezi minnu fuq inkarigu tal-intimati stess f'Jannar, 2017 wara l-mewt ta' Antonia Attard ossija s-somma ta' €1774.50 li tirrapprezenta €1715.50 bhala l-prezz tas-servizzi rezi u li sa llum ghadhom mhux imhallsa u €59 spejjez tal-ittra legali tat-28 t'April, 2017 li sal-lum baqghet mhux imwiegba u/jew kontestata; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimati.

Illi l-konvenuti gew debitament ingunti in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti tas-16 t'Ottubru, 2017, tat-30 ta' Ottubru, tal-20 ta' Novembru, 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-20 ta' Novembru, 2017 u fil-fatt il-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma mitluba ta' elf, seba' mija u erbgha u sebghin euro u hamsin centezmi (€1774.50) rapprezentanti spejjez u drittijiet relattivi dovuti lill-attur ghas-servizz ta' kummissjonant rezi minnu fuq inkarigu tal-intimati stess f'Jannar, 2017 wara l-mewt ta' Antonia Attard inkluzi spejjez ta' ittra legali; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tal-avviz odjern kontra l-istess intimati.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**